KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RICHARD DE LA TOUR
ippreżentati fil-25 ta' Settembru 2025[1]

Kawża C-465/24

SBK Art Limited Liability Company
vs
Fortenova Group STAK Stichting,
Open Pass Limited

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna – Regolament (UE) Nru 269/2014 – Artikolu 1(f) – Kunċett ta' 'iffriżar ta' fondi' – Eżerċizzju tad-drittijiet ta' sehem fil-laqgħat u tal-vot marbuta maċ-ċertifikati ta' azzjonijiet miżmuma minn persuna suġġetta għal miżuri restrittivi"

I. Introduzzjoni

1. Meta l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiddeċiedi dwar miżuri restrittivi li jinkludu miżuri ta' ffriżar ta' fondi, il-persuna suġġetta għal tali ffriżar tal-fondi tagħha xorta tista' teżerċita d-drittijiet tal-vot u ta' sehem fil-laqgħat tad-detenturi ta' ċertifikati ta' azzjonijiet, meta hija tkun id-detentriċi ta' dawn iċ-ċertifikati?

2. Sabiex tagħti tweġiba għal din il-mistoqsija, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha tinterpreta, f'dan il-każ, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna[2], kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1493 tas-27 ta' Mejju 2024[3], li, bħal diversi regolamenti oħra li jikkonċernaw kunflitti jew theddid oħra, stabbilixxa ffriżar tal-assi fir-rigward ta' ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

3. Ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-iffriżar ta' fondi, meta dan jikkonċerna ċertifikati ta' azzjonijiet, bħala li jimplika l-iffriżar tad-drittijiet tal-vot u ta' sehem fil-laqgħat.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 ĠU 2014, L 78, p. 6, rettifika fil-ĠU 2014, L 294, p. 64.

3 ĠU L, 2024/1493, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 269/2014".

II. Id-dritt tal-Unjoni

4. Il-premessa 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1843 tat-28 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [4], tiddikjara:

"Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 u t-22 ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-Unjoni [Ewropea] għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha, u rrikonoxxa d-dritt inerenti tal-Ukrajna li tiddefendi lilha nnifisha kontra l-aggressjoni Russa. Il-Kunsill Ewropew appella wkoll għal aktar passi biex tiddgħajjef il-kapaċità tar-Russja li tkompli għaddejja bil-gwerra ta' aggressjoni tagħha, inkluż bit-tisħiħ tas-sanzjonijiet."

5. L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 269/2014 jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(d) 'riżorsi ekonomiċi' tfisser assi ta' kwalunkwe tip, kemm dawk tanġibbli kif ukoll dawk intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi;

(e) 'iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi' tfisser il-prevenzjoni tal-użu ta' riżorsi ekonomiċi għall-akkwist ta' fondi, oġġetti jew servizzi bi kwalunkwe mod, inklużi, iżda mhux biss, il-bejgħ, il-kiri jew l-ipotekar tagħhom

(f) 'l-iffriżar ta' fondi' tfisser il-prevenzjoni ta' kull moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi li b'kull mod jirriżulta fi xi bidla fil-volum, fl-ammont, fil-post, fid-dritt tal-proprjetà, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni tagħhom jew kull bidla oħra li tippermetti li l-fondi jintużaw, inkluż l-immaniġġar ta' portafolji;

(g) 'fondi tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull xorta, li jinkludu, iżda mhux limitati għal:

[…]

(iii) titoli u strumenti ta' dejn innegozjati pubblikament u privatament, inklużi l-istokks u l-ishma, iċ-ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, bonds, noti, warrants, obbligazzjonijiet u kuntratti tad-derivattivi;

(iv) imgħax, dividends jew introjtu ieħor minn assi jew valur li jakkumula minnhom jew iġġenerat minnhom;

[…]"

[4] ĠU L, 2024/1843.

6. L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, li huma l-proprjetà, li huma fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.

2. Ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni, direttament jew indirettament, għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I."

7. L-Artikolu 7(2)(b) tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"L-Artikolu 2(2) ma japplikax maż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

[…]

(b) ħlasijiet dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmijin fl-Artikolu 2 jkunu ġew inklużi fl-Anness I […]"

8. L-Artikolu 9(1) tal-istess regolament jipprevedi:

"Il-parteċipazzjoni b'mod konxju u bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 għandha tkun ipprojbita."

9. L-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 269/2014 jipprovdi:

"L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, imwettaq in bona fede abbażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma joħloqx responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza."

10. L-Artikolu 14(4) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Il-lista fl-Anness I għandha tiġi rieżaminata f'intervalli regolari u għallanqas kull 12-il xahar."

11. L-Artikolu 15(1) tal-imsemmi regolament huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni, inkluż kif xieraq pieni kriminali, applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll għal miżuri xierqa ta' konfiska tar-rikavat minn tali ksur."

III. Il-fatti tal-kawża u d-domandi preliminari

12. Wara diffikultajiet finanzjarji, grupp Kroat attiv fis-setturi tal-kummerċ bl-imnut, tal-produzzjoni tal-ikel u tal-agrikoltura kien is-suġġett ta' ristrutturazzjoni matul l-2018. Fit-tmiem tagħha, inħolqot struttura ta' holding, Fortenova Group STAK Stichting (iktar 'il quddiem "STAK") fil-Pajjiżi l-Baxxi. Hija għandha b'mod fiduċjarju l-azzjonijiet ta' kumpannija oħra, Fortenova GroupTopCo BV, li fir-rigward tagħha hija teżerċita d-drittijiet tal-vot u li fir-rigward tagħhom hija ħarġet ċertifikati ta' azzjonijiet. Din l-aħħar kumpannija żżomm indirettament il-grupp tal-ikel li kien is-suġġett ta' din ir-ristrutturazzjoni.

13. Fost id-detenturi ta' ċertifikati ta' azzjonijiet maħruġa minn STAK jinsabu SBK Art LLC (iktar 'il quddiem "SBK") b'41.82 % u VTB Bank (Europe) SE b'7.27 %. Dawn iż-żewġ kumpanniji huma suġġetti għal miżuri restrittivi skont ir-Regolament Nru 269/2014.

14. Il-Bord tad-Diretturi ta' STAK sejjaħ lid-detenturi ta' ċertifikati ta' azzjonijiet għal laqgħa tad-detenturi ta' ċertifikati ta' azzjonijiet (iktar' il quddiem il-"laqgħa"). Din il-laqgħa kellha tinżamm fit-18 ta' Awwissu 2022 b'bidla fil-governanza tal-kumpannija bħala aġenda, b'mod partikolari biż-żieda tal-kworum għal 70 % taċ-ċertifikati, filwaqt li kellha tiġi prevista eċċezzjoni li tikkonsisti fl-assenza ta' kworum fil-każ fejn mill-inqas 35 % taċ-ċertifikati jinżammu minn partijiet issanzjonati. Il-Bord tad-Diretturi ppreċiża li d-detenturi ta' ċertifikati ta' azzjonijiet issanzjonati huma mċaħħda mill-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom marbuta ma' dawn iċ-ċertifikati, fosthom id-dritt tal-vot, u li d-drittijiet tal-vot korrispondenti ser jiġu injorati.

15. Fis-6 ta' Settembru 2022, il-voorzieningenrechter (l-Imħallef għal miżuri provviżorji) tar-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), adit minn SBK, li talbet it-teħid inkunsiderazzjoni tad-drittijiet tal-vot taħha għal dawn ir-riżoluzzjonijiet dwar il-governanza, laqa' din it-talba billi qies li l-vot dwar il-governanza ma jippreġudikax l-għan tas-sanzjonijiet peress li ma jistax iwassal għal fluss ta' fondi jew ta' riżorsi lejn ir-Russja.

16. Fid-29 ta' Diċembru 2022, il-Gerechtshof Amsterdam (il-Qorti tal-Appell ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) annullat dik is-sentenza u ċaħdet it-talbiet ta' SBK minħabba li kemm il-linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll il-linji gwida tal-awtorità kompetenti tal-Pajjiżi l-Baxxi ppreċiżaw li l-azzjonisti li l-azzjonijiet tagħhom huma ffriżati ma jistgħux jibqgħu jeżerċitaw id-dritt tal-vot tagħhom. Dik il-qorti żiedet li din l-interpretazzjoni kienet konformi mal-prinċipju li s-sanzjonijiet għandu jkollhom effett massimu u jkunu ċari u prevedibbli. L-imsemmija qorti ddeduċiet minn dan li r-rifjut ta' STAK li tammetti lil SBK għal-laqgħat u li tara li jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-vot ta' din tal-aħħar huwa konformi mal-obbligu tagħha li tosserva s-sistema tas-sanzjonijiet.

17. L-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi), li hija l-qorti tar-rinviju, tfakkar li l-kunċett ta' "iffriżar ta' fondi", u b'mod partikolari taċ-ċertifikati ta' azzjonijiet, iddefinit fl-Artikolu 1(f) tar-Regolament Nru 269/2014, għandu jkun interpretat b'mod uniformi u awtonomu. Hija tindika li jeżistu argumenti favur interpretazzjoni wiesgħa ta' dan il-kunċett, li timplika l-projbizzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet ta' sehem fil-laqgħat u d-drittijiet tal-vot marbuta maċ-ċertifikati ta' azzjonijiet. Għalhekk, l-impatt tal-miżuri ta' sanzjoni għandu jkun l-iktar sinjifikattiv possibbli, konformement mal-aħjar prattiki tal-Unjoni u mal-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni fil-mistoqsijiet frekwenti tagħha, anki jekk dawn tal-aħħar ma għandhomx saħħa vinkolanti. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tirrileva li argumenti oħra jwasslu sabiex tiġi adottata interpretazzjoni kuntrarja peress li l-inkonvenjenzi kkawżati mill-miżuri ta' sanzjoni ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet li għandhom

jintlaħqu. F'dan il-każ, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni n-natura u l-kontenut tad-deċiżjoni inkluża fl-aġenda, l-intenzjoni tal-vot tad-detentur taċ-ċertifikati ta' azzjonijiet iffriżati u l-konsegwenzi ta' din id-deċiżjoni fuq l-imsemmija ċertifikati. Din l-interpretazzjoni tista' tkun ibbażata fuq waħda mit-tweġibiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-mistoqsijiet frekwenti tagħha peress li din tindika li l-persuni ssanzjonati huma pprojbiti milli jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot li jistgħu jwasslu għal bidla fir-rigward ta' dawn l-azzjonijiet (jiġifieri fil-volum tagħhom, fl-ammont tagħhom, fil-post tagħhom, fis-sjieda tagħhom, fil-pussess tagħhom, fin-natura tagħhom, fid-destinazzjoni tagħhom, eċċ.) u li dawn id-drittijiet għandhom jiġu prekluži milli jintużaw sabiex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi bi kwalunkwe mod.

18. F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li qieset li jeżisti dubju raġonevoli dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata, l-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi segwenti lil-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-iffriżar ta' fondi fis-sens […] tal-punt (f) tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill [Nru 269/2014] għandu jiġi interpretat, fir-rigward ta' ċertifikati ta' azzjonijiet, li skont l-Anness I tar-Regolament 269/2014 jappartjenu, li huma l-proprjetà, jew li huma fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuni fiżiċi, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, fis-sens li d-dritt ta' sehem fil-laqgħat ġenerali u ta' votazzjoni, marbut maċ-ċertifikati ta' azzjonijiet, ma jistax jiġi eżerċitat, fi kwalunkwe każ sakemm detentur ta' ċertifikat ikkonċernat ma jġarrabx, minħabba dan il-fatt, dannu sproporzjonat?

2) Ir-risposta għall-ewwel domanda tkun differenti jekk, fil-każ konkret, fid-dawl kemm tan-natura kif ukoll tal-kontenut tad-deċiżjoni fuq l-aġenda u tal-pożizzjoni espressa mid-detentur ta' ċertifikat ikkonċernat dwarha, l-eżerċizzju tad-dritt ta' sehem fil-laqgħat ġenerali u ta' votazzjoni jista' jwassal għal moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi li b'kull mod jirriżulta fi xi bidla fil-volum, fl-ammont, fil-post, fid-dritt tal-proprjetà, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni tagħhom jew kull bidla oħra li tippermetti li l-fondi jintużaw, inkluż l-immaniġġar ta' portafolli fis-sens tal-parti introduttiva u tal-punt (f) tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 269/2014?"

19. SBK, STAK, il-Gvern Olandiż, Kroat u Awstrijak kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Dawn il-partijiet u l-partijiet ikkonċernati, bl-eċċezzjoni tal-Gvern Awstrijak, ippreżentaw l-osservazzjonijiet orali tagħhom waqt is-seduta li nżammet fil-11 ta' Ġunju 2025.

IV. Analiżi

20. Iż-żewġ domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jistgħu jiġu ttrattati flimkien, peress li, fir-realtà, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistoqsija dwar jekk l-iffriżar ta' fondi, kif iddefinit fl-Artikolu 1(f) tar-Regolament Nru 269/2014, jimplikax, fir-rigward taċ-ċertifikati ta' azzjonijiet li jappartjenu lil persuna ġuridika suġġetta għal tali miżura skont l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament, il-projbizzjoni li jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-vot u ta' sehem fil-laqgħat u, jekk ikun il-każ, jekk din il-projbizzjoni hijiex totali jew għandhiex tieħu inkunsiderazzjoni n-natura tar-riżoluzzjonijiet suġġetti għal vot.

21. Għandu jingħad li, f'dan il-każ, ma humiex ikkontestati l-inklużjoni ta' SBK fil-lista tal-persuni ssanzjonati u l-fatt li ċ-ċertifikati ta' azzjonijiet tagħha huma ffriżati. F'dan ir-rigward, nixtieq nippreċiża li ċ-ċertifikati ta' azzjonijiet huma simili għal azzjonijiet u li, bħala tali, jikkostitwixxu

fondi skont id-definizzjoni prevista fl-Artikolu 1(g)(iii) tar-Regolament Nru 269/2014 li jsemmi l-azzjonijiet u ċ-ċertifikati li jirrappreżentaw titoli trasferibbli. B'kuntrast ma' dan, hija diskussa l-portata tal-iffriżar ta' dawn iċ-ċertifikati fuq id-drittijiet tal-vot u ta' sehem fil-laqgħat marbuta magħhom.

22. Peress li l-iffriżar ta' fondi huwa kunċett tad-dritt tal-Unjoni, iddefinit, b'mod partikolari, fl-Artikolu 1(f) tar-Regolament Nru 269/2014, dan għandu jiġi interpretat b'mod uniformi u awtonomu. Għal dan l-għan, skont ġurisprudenza stabbilita, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem ta' din id-dispożizzjoni, iżda wkoll il-kuntest tagħha, l-għanijiet li jridu jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha u, jekk ikun il-każ, l-oriġini tagħha [5].

23. Huwa minnu li jeżistu differenzi żgħar bejn il-verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament Nru 269/2014, iżda dawn ma jidhirlix li huma suffiċjenti sabiex jikkontestaw il-komprensjoni u l-interpretazzjoni tat-test ta' dan ir-regolament.

24. Fil-fatt, id-dispożizzjoni li qiegħda tintalab l-interpretazzjoni tagħha hija, fir-realtà, dispożizzjoni li teżisti fl-istrumenti kollha ta' miżuri restrittivi stabbiliti mill-Kunsill. Kull wieħed mir-regolamenti jinkludi definizzjoni tal-iffriżar ta' fondi u l-eżami tal-evoluzzjoni tal-formulazzjoni tiegħu matul iż-żmien jagħti tagħlim prezzjuż għall-finijiet tal-interpretazzjoni tiegħu.

25. B'hekk, fil-formulazzjoni inizjali tal-2001 u użata fi ħdax-il regolament sal-2011 [6], l-iffriżar ta' fondi huwa ddefinit, essenzjalment, bħala kull azzjoni intiża sabiex tipprekludi kull moviment, trasferiment, bidla, *użu jew manipulazzjoni ta' fondi* li jkollhom bħala konsegwenza bidla fil-volum tagħhom, fl-ammont tagħhom, fil-lokalizzazzjoni tagħhom, fis-sjieda tagħhom, fil-pussess tagħhom, fin-natura tagħhom, fid-destinazzjoni tagħhom jew f'kull bidla oħra li tista' tippermetti l-użu tagħhom, b'mod partikolari l-ġestjoni ta' portafolli.

[5] Ara s-sentenzi tas-17 ta' Novembru 1983, Merck (292/82, EU:C:1983:335, punt 12); tat-18 ta' Ottubru 2022, IG Metall u ver.di (C-677/20, EU:C:2022:800, punt 31), u tal-4 ta' Ottubru 2024, Ministerstvo vnitra České republiky, Odbor azylové a migrační politiky (C-406/22, EU:C:2024:841, punt 65).

[6] Ara l-punt 2 tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 207); il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban ta' l-Afganistan (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 294, rettifika fil-ĠU 2023, L 209, p. 10); il-punt 4 tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji ma' l-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 3, p. 260); l-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ċertu miżuri restrittrivi fir-rigwar taż-Żimbabwe (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 3, p. 50); il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 560/2005 tat-12 ta' April 2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Kosta ta' l-Avorju (ĠU 2006, L 159M, p. 347); il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2008, L 352M, p. 231, rettifika fil-ĠU 2023, L 233, p. 89); il-punt 2 tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Belarus (ĠU 2008, L 352M, p. 432); l-Artikolu 1(h) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2007 tad-19 ta' April 2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2008, L 335M, p. 969, rettifika fil-ĠU 2009, L 64M, p. 423); l-Artikolu 1(i) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU 2010, L 281, p. 1); l-Artikolu 1(b) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU 2011, L 58, p. 1, rettifika fil-ĠU 2011, L 87, p. 31), kif ukoll l-Artikolu 1(b) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 270/2011 tal-21 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2011, L 76, p. 4, rettifika fil-ĠU 2014, L 294, p. 54).

26. Madankollu, f'erba' regolamenti oħra adottati bejn l-2008 u l-2014[7], il-formulazzjoni adottata tikkorrispondi, essenzjalment, għal dik li l-interpretazzjoni tagħha hija mitluba mill-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri kull azzjoni intiża sabiex tipprekludi kull moviment, trasferiment, bidla, *użu, manipulazzjoni ta' fondi jew aċċess għalihom* li jkollhom bħala konsegwenza bidla fil-volum tagħhom, fl-ammont tagħhom, fil-lokalizzazzjoni tagħhom, fis-sjieda tagħhom, fil-pussess tagħhom, fin-natura tagħhom, fid-destinazzjoni tagħhom jew f'kull bidla oħra li tista' tippermetti l-użu tagħhom, b'mod partikolari l-ġestjoni ta' portafolli.

27. Fl-aħħar nett, f'żewġ regolamenti tal-2012 u tal-2016[8], il-Kunsill irrikorra, essenzjalment, għad-definizzjoni li ġejja: kull azzjoni intiża sabiex tipprekludi kull moviment, trasferiment, bidla, *użu jew manipulazzjoni ta' fondi, jew aċċess għalihom*, li jkollhom bħala konsegwenza bidla fil-volum tagħhom, fl-ammont tagħhom, fil-lokalizzazzjoni tagħhom, fis-sjieda tagħhom, fil-pussess tagħhom, fin-natura tagħhom, fid-destinazzjoni tagħhom jew f'kull bidla oħra li tista' tippermetti l-użu tagħhom, b'mod partikolari l-ġestjoni ta' portafolli.

28. Għandu jiġi kkonstatat li, f'dawn il-formulazzjonijiet kollha, l-uniċi differenzi sostanzjali jirrigwardaw l-espressjonijiet "użu jew manipulazzjoni ta' fondi", "użu, aċċess għal fondi, jew il-manipulazzjoni tagħhom", "użu jew manipulazzjoni ta' fondi, jew aċċess" għalihom. Fi ħdanhom, ġiet miżjuda biss il-kelma "aċċess" u l-konġunzjoni "jew" ġiet imċaqilqa jew miżjuda.

29. Inżid li l-eżami tal-verżjoni bl-Ingliż tar-regolamenti ċċitati fin-noti ta' qiegħ il-paġna 6, 7 u 8 ta' dawn il-konklużjonijiet juri li l-espressjoni "access to" hija preżenti fid-definizzjoni tal-iffriżar ta' fondi ta' dawn ir-regolamenti kollha, bl-eċċezzjoni ta' tlieta[9]. B'hekk, f'ċertu numru mill-imsemmija regolamenti bil-Franċiż, din l-espressjoni "access to" ma ġietx tradotta. Barra minn hekk, il-verżjoni bil-Franċiż tar-Regolament 2016/44 issemmi "modification, utilisation ou manipulation de fonds, ou tout accès", filwaqt li l-verżjoni bl-Ingliż tipprovdi "alteration or use of, access to, or dealing with".

30. Għalhekk, jidhirli b'mod ċar li t-tieni parti tad-definizzjoni ta' "ffriżar ta' fondi", li telenka l-bidliet wara tranżazzjonijiet fir-rigward tal-fondi li għandhom jiġu ffriżati, tapplika għal dawn it-tranżazzjonijiet kollha u mhux sempliċement għall-aċċess u għall-manipulazzjoni ta' fondi. Fil-fatt, jidhirli li l-imperfezzjonijiet grammatikali u lingwistiċi jirriżultaw mill-urġenza li fiha dawn il-miżuri ta' sanzjoni huma deċiżi sabiex jinżamm l-effett ta' sorpriża fil-konfront tal-persuni kkonċernati.

31. Għalhekk, il-formulazzjoni ta' din id-definizzjoni tippermetti li ssir distinzjoni bejn, minn naħa, ċerti tranżazzjonijiet li għandhom jiġu preklużi (moviment, trasferiment, bidla, użu, aċċess għal fondi jew il-manipulazzjoni tagħhom) u, min-naħa l-oħra, il-konsegwenzi fuq il-fondi li jirriżultaw minn dawn it-tranżazzjonijiet (bidla fil-volum tagħhom, fl-ammont tagħhom,

[7] Ara l-Artikolu 1(f) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2008 tal-25 ta' Frar 2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 817/2006 (ĠU 2008, L 66, p. 1); il-punt 1(a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1286/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban (ĠU 2009, L 346, p. 42); l-Artikolu 1(i) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 (ĠU 2012, L 16, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2014, L 294, p. 59 u fil-ĠU 2018, L 190, p. 20), kif ukoll l-Artikolu 1(f) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2014, L 66, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2014, L 70, p. 36, fil-ĠU 2014, L 294, p. 62 u fil-ĠU 2014, L 350, p. 15).

[8] Ara l-Artikolu 1(k) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU 2012, L 88, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2012, L 332, p. 31, fil-ĠU 2014, L 93, p. 85 u fil-ĠU 2019, L 297, p. 8), kif ukoll l-Artikolu 1(b) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 (ĠU 2016, L 12, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 6, p. 10).

[9] Jiġifieri r-Regolamenti Nri 2580/2001, 881/2002 u 1210/2003.

fil-lokalizzazzjoni tagħhom, fis-sjieda tagħhom, fil-pussess tagħhom, fin-natura tagħhom, fid-destinazzjoni tagħhom jew f'kull bidla oħra li tista' tippermetti l-użu tagħhom, b'mod partikolari l-ġestjoni ta' portafolli).

32. L-iffriżar ta' fondi jeħtieġ għalhekk li tiġi prekluża tranżazzjoni li jkollha konsegwenza fuq il-fondi. Dawn iż-żewġ kundizzjonijiet jippermettu li jiġi żgurat li l-iffriżar jirrigwarda tranżazzjonijiet li għandhom konsegwenzi fuq il-fondi ffriżati.

33. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan il-kunċett ta' "iffriżar ta' fondi", f'waħda mill-formulazzjonijiet tiegħu [10], huwa ddefinit b'mod wiesa' ħafna [11] u għandu jingħata interpretazzjoni wiesgħa [12] peress li "[m]inn din id-definizzjoni jsegwi li l-iffriżar ta' fondi huwa intiż li jillimita kemm jista' jkun l-operazzjonijiet li jistgħu jitwettqu fuq fondi ffriżati, kif jixhdu n-numru kbir ta' sitwazzjonijiet imsemmija u l-użu tat-terminu 'kwalunkwe'. Fir-rigward tal-mezzi sabiex jintlaħaq l-għan li dawn l-operazzjonijiet jiġu limitati, dawn huma wkoll iddefiniti b'mod estensiv mil-leġiżlatur tal-Unjoni [13].

34. Fir-rigward tal-għanijiet tar-Regolament Nru 269/2014, inqis, bħall-Kummissjoni, li dawn jiġġustifikaw ukoll interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "ffriżar ta' fondi".

35. Fil-fatt, minn naħa, il-premessa 2 tad-Deċiżjoni 2024/1843 tistabbilixxi li l-miżuri restrittivi għandhom jiġu adottati sabiex tiddgħajjef il-kapaċità tal-Federazzjoni Russa li tkompli l-gwerra ta' aggressjoni tagħha, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tas-sanzjonijiet. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza ppreċiżat li l-għan tal-miżuri restrittivi mfittxija huwa li tiżdied il-pressjoni fuq il-Federazzjoni Russa kif ukoll l-ispiża tal-azzjonijiet ta' din tal-aħħar intiżi li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [14].

36. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija mill-miżuri restrittivi, "mhux biss huwa leġittimu, iżda wkoll indispensabbli li d-definizzjonijiet tal-kunċetti ta' 'iffriżar ta' fondi' u ta' 'iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi' jingħataw interpretazzjoni wiesgħa għaliex għandu jiġi prekluż kull użu tal-assi ffriżati li jippermetti li jiġu evitati r-regolamenti inkwistjoni u li jiġu sfruttati n-nuqqasijiet tas-sistema" [15].

37. Id-diffikultà f'dan il-każ hija li diversi drittijiet huma marbuta maċ-ċertifikati ta' azzjonijiet, bħalma huma marbuta mal-azzjonijiet. Dawn id-drittijiet jistgħu jinġabru f'żewġ kategoriji: id-drittijiet finanzjarji (id-dritt għad-dividendi, id-dritt preferenzjali ta' sottoskrizzjoni fil-każ ta' żieda fil-kapital), u d-drittijiet marbuta mad-deċiżjonijiet tal-kumpannija (id-dritt tal-vot, id-dritt ta' sehem fil-laqgħat [16], id-dritt ta' informazzjoni dwar il-kontijiet).

38. Dawn id-drittijiet kollha għandhom jiġu ffriżati bl-istess mod bħaċ-ċertifikat ta' azzjoni li jagħti dritt għalihom? Jew inkella l-imsemmija drittijiet jiġu ffriżati biss jekk jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet iċċitati fil-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet? Jekk l-issodisfar ta' dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huwa neċessarju, dan għandu jinkiseb b'mod ġenerali (pereżempju, id-dritt

[10] Jiġifieri fir-Regolament Nru 423/2007.

[11] Ara s-sentenza tal-11 ta' Novembru 2021, Bank Sepah (C-340/20, EU:C:2021:903, punt 45).

[12] Ara s-sentenza tal-11 ta' Novembru 2021, Bank Sepah (C-340/20, EU:C:2021:903, punt 56).

[13] Sentenza tal-11 ta' Novembru 2021, Bank Sepah (C-340/20, EU:C:2021:903, punt 43).

[14] Ara s-sentenzi tal-25 ta' Ġunju 2020, VTB Bank vs Il-Kunsill (C-729/18 P, EU:C:2020:499, punt 59), kif ukoll tal-15 ta' Novembru 2023, OT vs Il-Kunsill (T-193/22, EU:T:2023:716, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[15] Sentenza tal-11 ta' Novembru 2021, Bank Sepah (C-340/20, EU:C:2021:903, punt 56).

[16] Id-dritt ta' sehem fil-laqgħat għandu jinkludi d-dritt li jsiru mistoqsijiet, li tintalab l-inklużjoni ta' punti fl-aġenda, li jattendu l-laqgħa fiżikament jew mill-bogħod u li jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kworum.

tal-vot jista' jkollu konsegwenza fuq il-fondi?) jew f'kull użu skont l-effett tiegħu (il-vot ta' riżoluzzjoni jew oħra jkollu konsegwenza fuq il-fondi?), li jikkorrispondi għall-pożizzjoni ta' SBK? Jew inkella, l-istess drittijiet għandhom jiġu kkunsidrati bħala riżorsi ekonomiċi distinti miċ-ċertifikat innifsu li l-iffriżar tiegħu huwa ddefinit fl-Artikolu 1(e) tar-Regolament Nru 269/2014?

A. L-ewwel ipoteżi: l-iffriżar tad-dritt tal-vot skont l-analiżi każ b'każ tal-effetti tar-riżoluzzjonijiet

39. SBK tqis li l-iffriżar la għandu japplika għaċ-ċertifikat ta' azzjoni u għad-drittijiet kollha marbuta miegħu, u lanqas għal kategorija ta' drittijiet marbuta skont il-kategorija ta' drittijiet marbuta, iżda fi ħdan kull kategorija ta' drittijiet marbuta. Għalhekk, b'mod partikolari għad-dritt tal-vot, għandu jitfittex li jiġu ssodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet iċċitati fil-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet, li jfisser li ssir analiżi każ b'każ ta' kull riżoluzzjoni skont jekk din għandhiex influwenza jew le fuq il-valutazzjoni tal-kumpannija.

40. Insostenn tat-teżi tagħha, SBK issostni li, bl-iskuża tal-iffriżar tad-drittijiet tagħha tal-vot u ta' sehem fil-laqgħat minħabba l-miżura ta' ffriżar li tolqot iċ-ċertifikati ta' azzjonijiet tagħha, sar tentattiv ta' kontroll ostili u definittiv ta' STAK minn azzjonisti iżgħar minnha li jiksbu wkoll dritt ta' veto jekk jiġu vvotati bidliet fil-governanza. Konsegwentement, hija tqis li l-iffriżar tad-drittijiet tal-vot tagħha jkollu konsegwenzi fuq il-fondi tagħha li jmorru lil hinn minn dak li jippermettu, skont il-ġurisprudenza [17], il-miżuri restrittivi, jiġifieri l-ksur limitat *ratione temporis* u riversibbli.

41. Madankollu, l-ebda wieħed mill-argumenti mressqa minn SBK ma huwa ta' natura li jikkontesta l-interpretazzjoni wiesgħa tal-iffriżar ta' fondi bħala li twassal għal dik tad-drittijiet tal-vot u ta' sehem fil-laqgħat b'mod ġenerali, iktar milli riżoluzzjoni b'riżoluzzjoni.

42. Qabelxejn, fir-rigward tal-isproporzjon tal-effetti negattivi tal-miżuri restrittivi, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, hija biss in-natura manifestament inadegwata ta' miżura adottata fid-dawl tal-għan li l-istituzzjoni kompetenti tixtieq tilħaq li tista' taffettwa l-legalità ta' tali miżura, hija fakkret li l-miżuri restrittivi għandhom, mid-definizzjoni tagħhom stess, effetti negattivi, b'mod partikolari għall-entitajiet koperti minnhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-għan taż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, konformement mal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 TUE, huwa ta' natura li jiġġustifika l-konsegwenzi negattivi [18].

43. F'dan il-każ, l-iffriżar tad-drittijiet tal-vot u ta' sehem fil-laqgħat, inkluż meta r-riżoluzzjonijiet ma jinvolvux, *a priori*, modifika finanzjarja, ma jidhirlix li huwa manifestament mhux xieraq sabiex jintlaħaq l-għan li tiżdied il-pressjoni fuq il-Federazzjoni Russa kif ukoll l-ispiża tal-azzjonijiet ta' din tal-aħħar intiżi li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna [19]. Inżid li, fir-realtà, kull deċiżjoni tal-laqgħa għandha impatt fuq il-ħajja tal-kumpannija u l-valur tagħha, kif tirrikonoxxi SBK meta hija tindika li l-bidliet fil-metodi ta' kalkolu tal-maġġoranza u tal-kworum ser ikollhom effett negattiv fuq il-valur tal-ishma tagħha.

[17] Ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2023, Pumpyanskiy vs Il-Kunsill (T-270/22, EU:T:2023:490, punt 81), deċiżjoni appellata (ara l-kawża Pumpyanskiy vs Il-Kunsill (C-696/23 P), attwalment pendenti).

[18] Ara s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2025, PKK vs Il-Kunsill (C-44/23 P, EU:C:2025:181, punti 134 sa 136 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[19] Ara l-punt 35 ta' dawn il-konklużjonijiet.

44. Sussegwentement, miżura restrittiva, għalkemm għandha tkun limitata *ratione temporis* [20] u riversibbli, li huwa l-każ għall-iffriżar temporanju tad-drittijiet tal-vot u ta' sehem fil-laqgħat, ma tiggarantixxix iż-żamma tal-valur tal-fondi ffriżati meta jkun hemm inċertezzi fil-kummerċ (proċedura kollettiva, kriżi ekonomika li jkollha impatt fuq il-valur ta' impriża jew, għall-kuntrarju, perijodu ta' tkabbir). Għalhekk, kuntrarjament għal dak li tindika l-Kummissjoni, inqis li l-aspett temporanju u riversibbli tal-miżura jikkonċerna l-iffriżar ta'fondi nnifsu u mhux il-valur tal-fondi ffriżati li jista' jiġi affettwat b'diversi modi, esterni, bħal kriżi ekonomika, jew interni, bħal għażliet ta' governanza jew ta' strateġija.

45. Fl-aħħar nett, inqis li erba' argumenti addizzjonali jmorru kontra l-ipoteżi tal-iffriżar tad-drittijiet tal-vot u ta' sehem skont il-kontenut ta' kull riżoluzzjoni.

46. Fl-ewwel lok, peress li d-dritt tal-vot huwa liberu, ma teżisti l-ebda garanzija li l-persuna suġġetta għall-miżuri restrittivi ser tivvota fis-sens li hija ħabbret.

47. Fit-tieni lok, id-diretturi tal-kumpanniji li ċerti azzjonisti tagħhom huma suġġetti għal miżuri restrittivi ser jaffaċċjaw responsabbiltà eċċessiva meta janalizzaw il-konsegwenzi finanzjarji diretti jew indiretti tar-riżoluzzjonijiet proposti. Fil-fatt, ir-Regolament Nru 269/2014 jipprevedi assenza ta' responsabbiltà fil-każ ta' ffriżar ta' fondi *in bona fide* [21], iżda, għall-kuntrarju, projbizzjoni li jiġu evitati l-projbizzjonijiet marbuta mal-iffriżar ta' fondi [22], taħt piena ta' sanzjonijiet previsti mill-Istati Membri [23]. Barra minn hekk, kull direttur jista' jkollu interpretazzjoni differenti tar-riżoluzzjonijiet li jistgħu jiġu vvotati jew le, u dan jippreġudika l-effettività tas-sanzjoni fit-territorju kollu tal-Unjoni.

48. Fit-tielet lok, ir-riskju ta' kontenzjuż maħluq mill-preżentazzjoni ta' riżoluzzjoni li l-vot tagħha jkun ikkontestat jista' jwassal, għall-kuntrarju, sabiex titħalla l-votazzjoni ta' riżoluzzjonijiet li ma kellhomx ikunu vvotati.

49. Dan ir-riżultat imur kontra l-modalitajiet adottati għall-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi, jiġifieri l-prinċipju ta' ffriżar ta' fondi stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 269/2014 u l-eċċezzjonijiet elenkati fl-Artikoli 2a u 4 sa 7 ta' dan ir-regolament li jistgħu jwasslu għal rilaxx ta' fondi kemm direttament għal ċerti kategoriji ta' drittijiet, kif ukoll bi ftehim mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għal kategoriji oħra ta' drittijiet. Għalhekk, jekk SBK tqis li hija tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet, hija tista' titlob ir-rilaxx tad-drittijiet tal-vot quddiem l-awtorità kompetenti.

50. Fir-raba' lok, f'dan il-każ, inqis li l-fatt li ma nbidlux ir-regoli tal-maġġoranza u tal-kworum jippreġudika b'mod sproporzjonat id-drittijiet tal-azzjonisti l-oħra li jirrappreżentaw iktar mill-maġġoranza tal-kapital minħabba l-imblokkar marbut mal-fatt li r-regoli tal-maġġoranza li SBK tixtieq iżżomm huma stabbiliti billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċertifikati ta' azzjonijiet kollha [24].

[20] Ara l-Artikolu 14(4) tar-Regolament Nru 269/2014.

[21] Ara l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 269/2014.

[22] Ara l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 269/2014.

[23] Ara l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 269/2014.

[24] Ara l-punti 55 u 56 ta' dawn il-konklużjonijiet.

B. It-tieni ipoteżi: iffriżar skont il-kategorija ta' drittijiet relatati ma' kull ċertifikat ta' azzjoni

51. Mod ieħor kif jista' jiġi kkunsidrat l-iffriżar tad-drittijiet marbuta ma' ċertifikat ta' azzjoni jew ma' azzjoni huwa li dawn jiġu distinti skont il-kategorija tagħhom, bl-għan li jiġu limitati l-effetti negattivi ta' tali ffriżar.

52. L-ewwel nett, għandha ssir distinzjoni skont jekk il-kategoriji ta' drittijiet humiex ta' natura finanzjarja jew mhux finanzjarja. Ma iniex konvint minn din id-distinzjoni, peress li ma jistax jiġi miċħud li d-drittijiet tal-vot li huma drittijiet ta' natura mhux finanzjarja jistgħu jagħtu dritt għal fondi (pereżempju, l-għoti ta' dividendi jirriżulta mill-vot ta' riżoluzzjoni).

53. It-tieni nett, tista' tiġi kkunsidrata wkoll distinzjoni bejn id-drittijiet li jeħtieġu tranżazzjoni tal-azzjonist li huwa s-suġġett ta' miżuri restrittivi u d-drittijiet l-oħra, peress li huma biss id-drittijiet "attivi" li jiġu ffriżati, bil-kundizzjoni li dawn ikollhom effett fuq il-fondi.

54. Fost id-drittijiet "passivi" jistgħu jiġu inklużi d-dritt għall-informazzjoni dwar il-kontijiet, il-konsegwenzi ta' proċedura kollettiva li tinvolvi tnaqqis fil-kapital għal żero sabiex jiġu introdotti azzjonisti ġodda, l-attribuzzjoni ta' dividendi u ta' drittijiet preferenzjali ta' sottoskrizzjoni deċiżi minn laqgħa ġenerali li fiha l-persuna ssanzjonata ma tkunx ipparteċipat, bil-kundizzjoni li dawn jiġu ffriżati immedjatament. B'hekk, dritt preferenzjali ta' sottoskrizzjoni jista' jingħata lill-azzjonisti kollha li, barra minn hekk, huma liberi li jeżerċitawh jew le, iżda, b'differenza minn dan, ma jistax jiġi eżerċitat mill-azzjonist suġġett għal miżuri restrittivi peress li, jekk huwa jkun irċevih b'mod passiv permezz tal-vot tal-azzjonisti l-oħra, l-eżerċizzju tiegħu jeżiġi tranżazzjoni min-naħa tiegħu li jkollha konsegwenza fuq il-volum tal-fondi.

55. Madankollu, din id-distinzjoni bejn id-drittijiet "attivi" u d-drittijiet "passivi" tmur kontra d-dritt ta' sehem fil-laqgħat, kemm jekk tkun manifestata minn preżenza fiżika jew minn sempliċi teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċertifikati ta' azzjonijiet għall-kworum tad-deċiżjonijiet. Jekk wieħed jista' jikkunsidra li l-preżenza fiżika f'laqgħa tista' terġa' tintrabat mal-kategorija ta' drittijiet "attivi" minħabba l-influwenza u l-pressjoni eżerċitata mis-sempliċi preżenza ta' azzjonist suġġett għal miżuri restrittivi, b'kuntrast ma' dan, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-ishma tiegħu għall-kworum tal-laqgħat iwassal għal waqfien totali tal-ħajja tal-kumpannija inkwistjoni fil-każijiet fejn il-kworum huwa kkalkolat abbażi tan-numru totali ta' titoli maħruġa, bħal f'dan il-każ.

56. Fil-fatt, jekk jittieħdu inkunsiderazzjoni 41.82 % taċ-ċertifikati ta' azzjonijiet maħruġa minn STAK miżmuma minn SBK, ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni peress li, fil-verżjoni inizjali tal-istatuti ta' STAK, il-maġġoranzi huma espressi f'perċentwali (50 %, 60 % jew 66 2/3 %) taċ-ċertifikati kollha maħruġa u fis-suq bi drittijiet tal-vot. *A priori*, ir-riferiment għad-drittijiet tal-vot fl-istatuti huwa intiż li jeskludi mill-kont tal-kworum iċ-ċertifikati li kienu nħarġu mill-bidu mingħajr dritt tal-vot, jekk jeżistu, u mhux dawk suġġetti għal miżura ta' ffriżar.

57. Bl-istess mod, ir-Regolament Nru 269/2014 jipprevedi espliċitament li l-ħlas tad-dividendi, anki fl-assenza ta' vot tal-persuna ssanzjonata, huwa previst bħala eċċezzjoni għall-projbizzjoni li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha fondi jew riżorsi, u mhux bħala s-sempliċi applikazzjoni taż-żewġ kundizzjonijiet tad-definizzjoni tal-iffriżar ta' fondi ċċitati fil-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet [25].

[25] Ara l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament Nru 269/2014.

58. Għaldaqstant, din id-distinzjoni bejn drittijiet "attivi" u drittijiet "passivi" li toriġina minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti mid-definizzjoni tal-iffriżar ta' fondi, minkejja li hija attraenti, lanqas ma hija rilevanti.

C. It-tielet ipoteżi: l-iffriżar tad-drittijiet kollha marbuta maċ-ċertifikati ta' azzjonijiet

59. Din l-aħħar ipoteżi tal-iffriżar tad-drittijiet kollha marbuta maċ-ċertifikati ta' azzjonijiet għandha diversi merti. Hija tiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-kunċett ta' ffriżar ta' azzjonijiet jew ta' titoli trasferibbli, bħaċ-ċertifikati ta' azzjonijiet. Hija tippermetti wkoll applikazzjoni sempliċi tal-miżura ta' ffriżar, tosserva l-effett ta' sorpriża inerenti għall-effettività ta' tali miżura u b'hekk tevita kull riskju ta' evitar.

60. Fil-fatt, iċ-ċertifikati ta' azzjonijiet għandhom prinċipalment valur finanzjarju peress li jirrappreżentaw parti mill-kapital li, fih innifsu, għandu valur, iżda jagħti wkoll dritt għall-profitti, pereżempju fil-forma ta' dividendi. Madankollu, dawn jippermettu wkoll li jiġu influwenzati, permezz tad-drittijiet tal-vot u ta' sehem fil-laqgħat, l-iżvilupp tal-kumpannija bl-għan li jiżdiedu l-profitti.

61. Għalkemm stajt nistaqsi jekk din l-interpretazzjoni tmurx lil hinn mid-definizzjoni tal-iffriżar ta' fondi u taż-żewġ kundizzjonijiet imposti mir-Regolament Nru 269/2014 (tranżazzjoni li għandha konsegwenza fuq il-fondi), jiena wasalt, fi tmiem ir-riflessjoni tiegħi, għall-konklużjoni li, fir-realtà, l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li stabbilixxa dawn iż-żewġ kundizzjonijiet fid-definizzjoni tal-iffriżar ta' fondi kienet intiża b'mod ċar sabiex twassal għall-iktar interpretazzjoni wiesgħa possibbli ta' dan il-kunċett. L-eżempju tal-għoti tad-dividendi, li huwa possibbli biss b'eċċezzjoni għall-iffriżar, imur f'dan is-sens [26].

62. Iċ-ċarezza li biha l-Kummissjoni ddeċidiet dwar l-iffriżar tad-drittijiet tal-vot fil-mistoqsijiet frekwenti kkonsolidati li hija tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-pubbliku ssaħħaħ din l-interpretazzjoni wiesgħa [27].

63. Il-fatt li d-dritt tal-vot fih innifsu għandu valur u "[huwa rifless] fil-prezz li jkollu jitħallas għall-akkwist ta' l-ishma" [28] jista' jdaħħlu fid-definizzjoni ta' "riżorsi ekonomiċi" stabbilita fl-Artikolu 1(d) tar-Regolament Nru 269/2014. Madankollu, minbarra l-fatt li dan ma jbiddilx ir-risposta li għandha tingħata lill-qorti tar-rinviju, inqis li l-azzjoni jew iċ-ċertifikat ta' azzjoni u d-drittijiet marbuta miegħu għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod.

64. Bħala konklużjoni, inqis li l-iffriżar ta' fondi għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' u li, konsegwentement, iwassal għall-iffriżar tad-drittijiet tal-vot u ta' sehem fil-laqgħat. L-eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju ta' ffriżar huma previsti fl-Artikoli 2a u 4 sa 7 tar-Regolament Nru 269/2014 jew direttament għal ċerti kategoriji ta' drittijiet (pereżempju, id-dividendi), jew permezz ta' deċiżjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għal kategoriji

[26] Ara l-punt 57 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[27] Mistoqsijiet frekwenti kkonsolidati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 833/2014, tar-Regolament tal-Kunsill Nru 269/2014, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014 u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263, disponibbli bl-Ingliż fis-sit internet li ġej: https://finance.ec.europa.eu/publications/consolidated-version_en. Ara, b'mod partikolari, it-Taqsima 1 tal-Parti B, intitolata "Iffriżar ta' assi u projbizzjoni li jsiru disponibbli fondi u riżorsi ekonomiċi", domanda 15 (p. 33).

[28] Ara l-premessa 3 tad-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet ta' l-azzjonisti ta' kumpanniji kkwotati (ĠU 2007, L 184, p. 17).

oħra ta' drittijiet. Din l-awtorità kompetenti għandha tagħti deċiżjoni fuq bażi ta' każ b'każ. Għalhekk, l-għażla tal-iffriżar jew le tad-drittijiet tal-vot u ta' sehem ma tistax tkun ibbażata fuq id-diretturi ta' kumpannija.

V. Konklużjoni

65. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) kif ġej:

L-Artikolu 1(f) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1493 tas-27 ta' Mejju 2024, moqri flimkien mal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-iffriżar ta' fondi, meta jikkonċerna ċertifikati ta' azzjonijiet, jimplika l-iffriżar tad-drittijiet tal-vot u ta' sehem, fi kwalunkwe forma, fil-laqgħat tad-detenturi ta' dawn iċ-ċertifikati. L-uniċi eċċezzjonijiet għal din il-miżura ta' ffriżar huma previsti fl-Artikoli 2a u 4 sa 7 tal-imsemmi regolament u l-implimentazzjoni ta' wħud minn dawn l-eċċezzjonijiet teħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.